**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1053/2020 AF**

**Occudent Limited (C-18560)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tal-24 ta' Mejju 2021 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil Stoyanka Slavova Mitkova (Passaport Bulgaru 366292024)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Occudent Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija kreditrici tal-intimata fis-somma bilancjali ta' hamsa u erbghin elf Ewo (€45,000), import ta' self brevi manu f'diversi okkazjonijiet li llum huma dovuti ghall-hlas.

L-intimata msejha sabiex thallas id-dejn minnha dovut kif intqal naqset milli taghmel dan.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas is-somma ta' hamsa u erbghin elf Ewo (€45,000), import ta' self brevi manu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat illi b'digriet tal-24 ta' Mejju 2021 din il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-Avukat Dr. Yanica Bugeja u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi għall-konvenuta li tinsab assenti.

Rat ir-risposta maħlufa tal-kuraturi deputati Dr. Yanika Bugeja u l-P.L. Veronica Rossignaud, li permezz taghha gie eccepit illi:

L-esponenti kienu nnotifikata bl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Settembru 2021.

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti.

Il-kuraturi deputati jesigu li jinghataw dettalji ta' fejn jistghu jikkuntattjaw lill-persuna rrapprezentata minnhom, Stoyanka Slavova Mitkova.

L-esponenti qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm il-darba huma jirnexxilhom isiru jafu lis-sidien li fil-prezent ghadhom mhux maghrufa.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar ħlas lura ta' dejn. Skont ma jingħad fir-rikors promotur, is-soċjetà attriċi qegħda tippretendi l-ħlas tas-somma ta' €45,000 rappreżentanti self brevi manu favur il-konvenuta.

Carl Barthet, *managing director* għas-soċjetà attriċi, xehed illi l-konvenuta kienet impjegata tas-soċjetà attriċi ġewwa l-Libja. Kienet persuna kruċjali fl-irwol tagħha. F'xi żmien il-konvenuta xtaqet illi tixtri dar ġewwa l-Bulgarija u s-soċjetà attriċi silfitha s-somma ta' €89,000 sabiex din tkun tista' tipproċedi bl-akkwist. Xehed illi l-konvenuta ma ħallset xejn mill-ammont misluf lilha u li kien proprju għalhekk illi kellha ssir din il-kawża. Żied jispjega illi għalkemm is-soċjetà attriċi silfet lill-konvenuta is-somma ta' €89,000, it-talba attriċi hija limitata għas-somma ta' €45,000. Dan wara li in segwitu għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, irriżulta illi l-ammont indikat fis-somma ta' €45,000 huwa l-uniku ammont ta' flus li l-konvenuta għandha depożitat il-bank f'Malta.

Waqt illi l-Qorti mhijiex tiskredita x-xhieda ta' Carl Barthet, fl-istess waqt jeħtieġ li din ix-xhieda tiġi meqjusa b'ċirkospezzjoni. Fil-każ ta' llum il-konvenuta li baqgħet ma ġietx rintraċċjata, ma kelliex l-opportunità illi tagħti l-verżjoni tagħha jew li twieġeb għat-talbiet attriċi u għalhekk il-Qorti semgħet biss qanpiena waħda.

Il-Qorti tosserva mill-ewwel illi l-provi f'dan il-każ huma għal kollox skarni għaliex għalkemm qegħda tressaq talba għall-ħlas ta' ammont konsiderevoli, fl-istess ħin is-soċjetà attriċi ma ressqet ebda prova dwar xi kitba li setgħet ġiet ifformolata u ffirmata bejn il-partijiet, lanqas ma tressqu provi dwar il-kondizzjonijiet ta' dan l-allegat self. Lanqas ma tressqet imqar

il-prova tal-versament u/jew versamenti li sar/u favur il-konvenuta. Il-Qorti hija wkoll perplessa dwar il-fatt illi minkejja li l-allegat self kien fis-somma komplessiva ta’ €89,000, it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet limitata għal nofs l-ammont. Għalkemm jista’ jkun minnu li fil-banek hemm depożitata biss is-somma ta’ €45,000, fl-istess ħin ma tistax tifhem il-loġika tas-soċjetà attriċi li rrinunċjat għal nofs is-somma fuq is-sempliċi premessa li s-somma komplessivament mislufa ma rriżultatx li hija depozitata l-bank.

Żgur illi l-modalità ta’ kif sar dan l-allegat self fuq l-idejn għal somma importanti tqajjem ħafna dubji u suspetti f’moħħ il-Qorti. Għalkemm il-Qorti mhijiex tiddikjara l-ammont bħala li mhuwiex dovut, fl-istess waqt, fin-nuqqas ta’ provi l-Qorti ma tista’ qatt tilqa’ t-talba attriċi.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talba attriċi kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mis-socjetà attrici.

IMHALLEF

DEP/REG